MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 527/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**CLAUDINE ZAMMIT**
**(ID Nru. 204675M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 527/2014

Illum, 3 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Claudine Zammit, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 204675M.

**Akkuzata talli:**

Nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta` April, 2013, ghal habta tas-siegha u nofs ta` filghodu (01:30hrs), gewwa **Gianpula Discotheque** sitwat gewwa l-limiti ta` Haz-Zebbug, Malta:

1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamlet hsara fuq nuccali tal-vizta` ghad-dannu ta` Clive Demicoli, liema hsara tiskorri mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux izjed minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Dr. Karl Tanti, l-avukat tal-*parte civile*, ghan-nom tal-patrocinat tieghu jiddikjara li huwa sodisfatt wara li l-imputata hallset l-ammont dovut ghad-danni u li m'ghandux aktar interess fil-prosegwiment tal-kaz u ghalhekk jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedgha tiddikjara process ezawrit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------